**Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.**

**Illum, 23 ta' Mejju 2001.**

**Avviz Nru: 1532/99**

**MCE Limited**

**Vs**

**Joseph Galea u Frank Schembri f'isimhom personali u kif ukoll bhala diretturi ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Central Power Installations Limited (C19663)**

**Il-Qorti;**

Rat l-avviz permezz ta' liema s-socjeta' attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti f'isimhom personali u ghan-nom u in rappresentanza tal-kumpanija Central Power Installations Limited ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u wiehed u tletin Lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm531.96), bilanc minn somma akbar, rapprezentanti prezz ta' oggetti elettrici mibjugha u kkonsenjati lilhom fuq inkarigu taghhom stess, skond kif jirrizulta minn diversi invoices kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti, inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali tal-10 ta' Settembru 1999, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni, u bl-imghax kummercjali mid-data tal-konsenja ta' l-oggetti sad-data tal-pagament effettiv.

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Frar 2000 fejn id-difensur tal-konvenuti ikkontesta t-talba attrici;

Semghet il-provi li gew prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm il-konvenuti ma pprezentaw ebda nota ta' eccezzjonijiet huma kienu qabdu d-difensur taghhom sabiex jikkontesta t-talba attrici u ghaldaqstant din il-kawza ghandha titqies bhala wahda kkontestata u l-atturi jridu jaslu ghall-prova ta' dak illi huma qeghdin isostnu u jallegaw.

Mill-provi prodotti jirrizulta ampjament illi l-attur kienu bieghu u kkonsenjaw lill-konvenuti diversi oggetti elettrici u merkanzija ohra bi prezz komplessiv illi jissupera ampjament is-somma ta' sebat elef u tminn mitt lira (Lm7,800). Jirrizulta wkoll illi d-Direttur Joseph Galea u Frank Schembri kienu dahlu personalment bhala garanti in solidum mal-kumpanija konvenuta ghal dawk l-ammonti li ma jissuperawx tletin elf lira (Lm30,000) illi l-kumpanija konvenuta setghet ikollha taghti lill-atturi. Inoltre mid-deposizzjoni ta' Ivan Pugliesevic u mid-dokumenti esebiti jirrizulta wkoll, senjatament mill-ittra dokument IP6 a fol 14 tal-process li l-istesss kumpanija konvenuta Central Power Installations Limited, kienu segwew il-metodu ta' pagament suggerit mill-kumpanija attrici f'dik l-istess ittra u kienu hallsu bil-beneficcju tat-terminu somom akkont ta' l-ammont ta' sebat elef tminn mija hamsa u sebghin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm7,875.96c) illi kienu qeghdin jitolbu l-atturi. Inoltre l-konvenuti ma gabu ebda prova in kontestazzjoni ta' dak li kienu qed jallegaw l-atturi.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma; u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u qieghda tikkundanna lill-konvenuti sabiex ghar-ragunijiet premessi fl-avviz ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta' hames mija u wiehed u tletin lira Maltin u sitta u disghin centezmi (Lm531.96c).

Bl-imghaxijiet kummercjali b'effett mit-3 ta' Lulju 1999.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg